# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu, 2019

**Rikors Numru : 545/2018 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**MV**

**Vs**

**RVD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MV datat 10 ta' Dicembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Lulju 2004;*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla J f'X. Twieldet ukoll tifla ohra, E f'Y, izda l-esponenti m'huwiex il-missier naturali tal-istess, fatt rikonoxxut mill-intimata u fil-prezent ghaddejjin proceduri ta' denegata paternita' (ara dok MV1);*

*Illi l-partijiet ilhom separati de jure mill-10 ta' Dicembru, 2013 permezz ta' kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Reuben Debono (att separazzjoni anness u mmarkat bhala DOK MV2);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante minhabba ragunijiet gravi fost ragunijiet ohra sufficjenti fil-ligi minbarra l-fatt li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma jezistu l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan tal-ahhar jirregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-attur informa lill-Qorti li huwa lest ihallas l-ispejjez tal-kaz (Vide fol 30);

Rat illi l-partijiet qablu illu minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed biss, filwaqt li t-tieni wild hija minn ta' terzi u ghal dan il-ghan diga hemm proceduri ta denegata paternita quddiem din il-Qorti (Vide fol 30);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**MV** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Settembru 2004 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fl-10 ta' Dicembru 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, ghalkemm l-intimata weldet tifla ohra li wkoll hija rregistrata bhala bintu izda l-partijiet jaqblu illi r-rikorrent m'huwiex il-missier biologiku tal-istess minuri u filfatt jinsabu pendenti proceduri ta' denegata paternita fil-konfront

taghha. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RVD** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Lulju, 2004 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg kien hemm wild wiehed, mentri l-wild l-iehor huwa minn ta' terzi persuni, cioe' l-attur mhuwiex il-missier naturali (vide sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 8 ta' Gunju, 2017 – a fol 9 sa 13);

Il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom separati de jure permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Dicembru, 2013 in atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono (Vide Dok. MV2 a fol 16 sa 22);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-attur skond il-verbal tal-1 ta' Frar 2019.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**